Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2012

Numru. 1253/2011

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Kevin J.Farrugia)
**vs**
**JONATHAN CAUCHI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Jonathan Cauchi ta' disgha u ghoxrin (29) sena imwieled tal-Pieta', nhar is-27 ta' Lulju, 1982, bin Anthony u Carmen nee' Pace, residenti '37', Prince Charles, Triq Santa Monika, Pieta u detentur ta' karta ta' l-identita' Nru. 398782(M), akkuzat talli nhar is-26 t'Awwissu, 2011 u fil-jiem ta' qabel minn gewwa Ellul Flats, Flat 8, Triq K. Darmanin, Pieta' u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Ikkommetta serq ta' propjeta ta' sitt mitt Euro (€ 600) ghad-dannu ta' Ebony Jade Camilleri li ghandha numru tal-identita' 367500(L) u/jew terzi persuni ohra

liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn, tlett mija, disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37), bil-lok, u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. Laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti.

U aktar talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Semghet lill-kwerelanta Ebony Jade Camilleri tiddikjara li l-ammont dovut lilha huwa dak ta' hames mija u hamsin Euro (€ 550.00).[2]

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.[3]

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

[1] *fol.* 21.
[2] *fol.* 4.
[3] *fol.* 4.

Illi, dwar il-piena, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati migjuba fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel wahda u fid-dawl tal-ammissjoni ta' htija ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, wara li rat l-Artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 261(g), 263, 267, 269(g), 271 u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, ghajr ghat-tieni imputazzjoni u dana peress illi l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha, u tikkundannah ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal tlitt (3) snin.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkometti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

A tenur tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati sabiex fi zmien hames (5) xhur millum huwa jhallas l-ammont ta' hames mija u hamsin Euro (€ 550.00) lill-kwerelanta Ebony Jade Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------